

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUFOR RCA/5/2014****tal-24 ta' Lulju 2014****dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet tal-Istati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA)**

(2014/646/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/73/PESK tal-10 ta' Frar 2014 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2014/73/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jjeħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet proposti minn Stati terzi.
- (2) Wara r-rakkomandazzjoni dwar kontribuzzjoni mis-Serbja mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UEFOR RCA u l-parir mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, il-kontribuzzjoni mis-Serbja għandha tiġi aċċettata.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kontribuzzjoni mis-Serbja għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA) hija aċċettata u hija kkunsidrata bħala sinifikanti.
2. Is-Serbja hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUFOR RCA.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 40, 11.2.2014, p. 59.